MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2014

Talba Numru. 89/2014

**Malcolm GRECH [K.I. Nru. 179473M]**

**Vs**

**Fabio Laurie Cauchi [K.I. Nru. 67191M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fil-11 ta' Frar, 2014** u li permezz taghha talab lill-intimat jhallsu s-somma ta' elf, mitejn tnejn u erbghin euro u sebgha centemzi ta' euro [€1,242.07c] u dan wara li ppremetta hekk:

"Illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' elf, mitejn u tnejn u erbghin Euro u u sebgha ċenteżmi (€1,242.07) dovuta skont il-fattura numru 14771 datata d-29 ta' Awwissu, 2012 kopja ta' liema hija annessa u mmarkata bhala Dok A. Dan l-ammont jikkonsisti fi €329.00 +

VAT fi prezz ta’ servizzi ta’ mekkanika rezi mir-rikorrenti lill-intimat (labour) fuq talba tieghu stess fuq il-vettura tal-intimat tal-ghamla “Fiat Bravo” li ghandha n-numru ta’ reġistrazzjoni “USA 099” kif ukoll f’€723.60 + VAT fi spejjez tal-varji spare parts li r-rikorrenti akkwista f’isem l-intimat sabiex jaghmel ix-xogholijiet u tiswijiet rikjesti mill-intimat.

Illi l-intimat gie interpellat kemm-il darba ghal hlas u dan bil-fattura annessa, u b’varji telefonati da parti tar-rikorrenti iżda t-tentattivi tar-rikorrenti sabiex jinnotifika lill-intimat b’ittra ġudizzjarja ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 Ligijiet ta’ Malta, [kopja annessa bhala Dok. B] sfaw inutili stante li meta ntbaghtet bil-posta reġistrata l-ittra ġiet lura unclaimed mentri l-Marixxal tal-Qorti rrapporta illi “ma fetah hadd”. Il-hlas dovut baqa ma sarx u ghadu dovut.

GHALDAQSTANT, ir-rikorrenti umilment jiltob lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex,

1. elf, mitejn u tnejn u erbghin Euro u sebgha centezmi (€1,242.07), jew somma verjuri li tista tigi deciza;

2. Jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti l-ammont imsemmi ta’ elf, mitejn u tnejn u erbghin euro u sebgha centezmi (€1,242.07) jew somma verjuri.

Bl-ispejjez gudizzjarji u extra-gudizzjarji nkorsi mir-rikorrenti in konnessjoni ma’ dan id-debitu, inkluz fir-rigward tal-ittra ufficjali surreferita, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull fattura sal-pagament effettiv bl-oghla rati ai termini tal-Kap. 13, Ligijiet ta’ Maltakontra l-konvenut, li huwa minn issa ngunt in subizzjoni”.

Ra **r-risposta ta' Fabio Laurie Cauchi** mressqa fis-16 ta' Settembru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikorrenti qatt ma kkonsulta mal-esponenti dwar ix-xogholijiet u wisq anqas dwar ix-xiri ta' l-ispare parts li certament jeccedu l-valur tal-vettura in kwistjoni u kwindi ma' kienx hemm il-kunsens tal-esponenti sabiex dawn ix-xogholijiet isiru u sabiex jinxtraw l-ispare parts;

2. Illi fit-tieni lok u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-prezz li qed jintalab ta' elf mitejn u tnejn u erbghin euro u sebgha centezmi (€1,242.07) huwa wiehed eccessiv;

3. Illi fit-tielet lok u subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess it-talba attrici hi nfondata fil-fatt u fid-dritt;

4. Salv eccezzjonijiet ohra";

Ra l-verbal tal-lum fejn l-intimat minkejja li gie msejjah diversi drabi baqa' ma dehrx.

Ra li r-rikorrenti ddikjara li ma kienx fadallu aktar provi xi jressaq u li l-Avukat Dott. Sonia Vancell ghar-rikorrenti, filwaqt li ghamlet referenza ghall-fatt li s-seduta tal-lum kienet intiża ghall-provi kollha tal-partijiet u ghamlet referenza ukoll ghall-artikoli 9 (2) (a) u 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li t-Tribunal iddikjara li l-istadju tal-gbir tal-provi maghluq;

Ra l-atti;

Semgha' x-xhieda;

Semgha t-trattazzjoni;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qiegħed jitlob lill-intimat iħallsu s-somma ta' elf, mitejn tnejn u erbghin euro u sebgha centemzi ta' euro [€1,242.07c] skont il-fattura numru 14771 datata d-29 ta' Awwissu, 2012. Dan l-ammont jikkonsisti fi €329.00 + VAT fi prezz ta' servizzi ta' mekkanika rezi mir-rikorrenti lill-intimat (labour) fuq il-vettura tieghu tal-ghamla "Fiat Bravo" li ghandha n-numru ta' reġistrazzjoni "USA 099" kif ukoll f'€723.60 + VAT fi spejjez tal-varji *spare parts* li huwa akkwista f'isem l-intimat sabiex jaghmel ix-xogholijiet u tiswijiet rikjesti minnu. Dawn ix-xogholijiet saru fuq talba ta' l-istess intimat, kompla jghid ir-rikorrenti.

2. L-intimat laqa ghal din it-talba billi qal li r-rikorrenti qatt ma kkonsulta mieghu dwar ix-xogholijiet u wisq anqas dwar ix-xiri ta' l-i*spare parts* li certament jeccedu l-valur tal-vettura in kwistjoni u kwindi ma' kienx hemm il-kunsens tieghu sabiex dawn ix-xogholijiet isiru u sabiex jinxtraw l-i*spare parts*. Qal ukoll li l-ammont mitlub huwa wiehed eccessiv u li finalment, it-talba odjerna hija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

Ikkunsidra;

3. Illi l-intimat, baqa ma deherx ghas-seduta tal-lum sabiex iressaq il-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjonijiet minnu mressqa fir-risposta tieghu. Xehed biss ir-rikorrenti li qal li l-intimat kien ġablu l-vettura wara li din kienet ghand *mechanic* iehor. Kien ġabha ghandu ghal *second opinion* u dan peress li l-intimat kien dehrlu li l-ewwel *mechanic* li kienet ghandu l-vettura kien talbu prezz gholi ghax-xogholijiet mehtiega sabiex din il-

vettura tkun tista tintuża. Ir-rikorrenti qal li wara xi ġimghat li din il-vettura kienet ghandu, huwa ċempel lill-intimat u staqsieh x'kien ser jaghmel u skond ma xehed ir-rikorrenti, liema xhieda baqghet ma ġietx kontradetta, l-intimat kien qallu sabiex jaghmel ix-xogholijiet neċessarji. Ir-rikorrenti xehed ukoll li ghar-rigward ta' l-i*spare parts,* dawn kienu mehtiega u li huwa żamm ghal dawn l-*items* l-istess prezz li kien xtrahom. Ghar-rigward tal-VAT, huwa qal li l-*items* li kien xtara nehhielhom il-VAT minnhom u imbaghad żiedu fl-ahhar. Dan peress li l-programm tal-*computer* tieghu, kieku halla l-prezz tal-VAT fl-items indikati fil-fattura a fol. 3 tal-process, kien ser jerga jżid il-VAT fuqhom. Ir-rikorrenti kkonferma li huwa nefaq l-ammonti indikati fil-fattura li tinsab esebita a fol. 3 tal-process u li l-avlur tax-xoghol ta' idejh kien ta' €329, eskluż il-VAT.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Illi l-paragrafu (a) tas-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 9 tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi testwalment hekk:

*(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (21), ġudikatur –*

(a) *Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda;*

5. Imbaghad il-paragrafu (b) ta' l-artikolu 13 tal-Kapitolu 380 jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu:*

*(b)* *<u>Jekk il-konvenut jonqos li jidher</u>, il-gudikatur <u>jista</u> jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-*

*subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis.* (sottolinejar tat-Tribunal).

6. Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija jirrizulta li hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxiex il-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu.

7. Fil-kaz odjern, l-intimat gie notifikat, ressaq ir-risposta tieghu u meta l-kaz thalla ghal provi kollha tal-partijiet ghas-seduta tal-lum, naqas milli jidher quddiem it-Tribunal u jressaq il-provi tieghu in sostenn ta' l-eccezzjonijiet minnu mqanqla.

8. Mill-provi prodotti, jirrizulta li t-talba tar-rikorrenti hija fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal mir-rikorrenti ma ghandhiex mis-sewwa.

9. Illi ghalhekk, in vista tal-provi ppreżentati quddiemu, it-Tribunal ma ghandu l-ebda triq ohra hlief li jiddikjara li l-ammont mitlub mir-rikorrenti huwa dovut mill-intimat.

10. Kif diġà nghad, l-intimat baqa ma dehers quddiem it-Tribunal fis-seduta tal-lum u ma ressaq l-ebda prova in sostenn ta' l-eccezzjonijiet minnu ndikati fir-risposta tieghu. Konsegwentement, it-Tribunal, anke in vista tal-provi mressqa mir-rikorrenti, qieghed jichad l-istess eċċezzjonijiet.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha ta' l-intimat in kwantu dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż qieghed jilqa t-talba tar-rikorrenti kif kontenuta fit-Talba tieghu u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' elf, mitejn tnejn u erbghin euro u sebgha centemzi ta' euro [€1,242.07c]. Ghar-rigward ta' l-imghaxijiet dawn ghandhom ikunu skond il-Kodici Civili u mhux skond il-Kodici tal-Kummerc kif mitluba. Dawn l-imghaxijiet

ghandhom jibdew jidekorru mid-29 ta' Awwissu, 2012 – data tal-fattura a fol. 3 tal-process – u jibqghu jidekorru sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez kollha, kif mitluba, ghandhom ikunu kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------